MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 153/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**VS**
**ADRIAN AGIUS**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Adrian Agius ta' 24 sena, bin Gwido u Carmen nee' Duca, mwieled Pieta' fit- 3 ta' Gunju 1987, residenti fi Trilthon Court, Block A, Flat 8, Dawret Hal- Ghaxaq, Hal- Ghaxaq u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 262887M ;

Talli ;

1) f' dawn il- Gzejjer fit- 28 ta' Ottubru 2011 u fix- xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz,

jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' ntrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' €12, 590.65 ghad- dannu ta' Seaport Franchising Ltd operaturi tal- franchise Hard Rock Cafe' Malta;

2) ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atii maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, appropraj ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l- ammont ta' €12,590.65 ghad- dannu ta' Seaport Franchising Ltd. operaturi tal- franchise Hard Rock Cafe' f' Malta, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310 (1)(a), 293, 294, 267, 268(d), 270 u 281(c) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tmintax –il xahar (18) prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' tnax il- elf, hames mija w disghin ewro u hamsa w sittin centezmu (€12,590.65) lil Seaport Franchising Ltd. fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------